MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2644/2002

**Osea Micallef**

**Vs**

**Jeffrey Samuel Portelli**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attur talab il-hlas ta’ Lm403.00c (erba’ mija u tliet liri Maltin) “jew somma ohra verjuri rappresentanti d-danni minnu sofferti” kawza tal-incident awtomobilistiku kif ahjar deskritt fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn l-istess konvenut qal li l-incident gara tort l-attur li baqa hiereg minn triq sekondarja ghal go triq arterjali b’velocita eccessiva; li minghajr pregudizzju l-attur ma kienx f’stat li jsuq; li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li l-attur qal li kien qed isuq f'Triq Qalbiena Mostin meta l-karozza JAD 068 hareg minn Triq il-Mitbah b'risultat li sar il-habta.

Illi l-konvenut ezatt wara l-incident qal li kien waqaf fi triq il-Mitbah biex jaqsam it-triq fid-direzzjoni ta' Triq Karlu Darmanin, qasam Triq il-Qalbiena u kif wasal f'nofs it-triq ra li JAD 068 gej b'speed qawwi, hu kien lahaq kwazi wasal fil-entratura ta' Triq Karlu Darmanin meta l-attur dar ftit lejn ix-xellug b'konsegwenza li laqtu fuq ix-xellug fuq wara.

Illi wara l-incident l-Pulizija hadu passi kontra l-attur b'akkuza li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Illi l-attur ma nstabx hati.

Illi l-konvenut naqas li jidher f'din il-kawza u naqas li jikkontesta bil-gurament il-versjoni tal-attur u tax-xhud Frank Debono.

Illi l-konvenut li kien hiereg minn side road kellu l-obbligu li jassikura li johrog minghajr ma jostakola l-karozzi fil-main road. Fil-kawza "Il-Pulizija Vs Giuseppe Galdes" (App. 30/5/1953) gie ddikjarat: "Side road user ghandu d-dritt li jidhol gol-main road, imma ghandu jidhol meta l-main road tkun talment libera li hu jista jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma ghandux jiehu.

Fil-kawza "Il-Pulizija Vs Nazzareno Borg" (12/11/1960): gie ddikjarat: "Driver fuq is-side road jew minor road hu onerat bl-obbligu li, x'hin japprossima l-crocerija, jesplora bl-aktar attenzjoni qabel ma jiddeciedi jittraversaha. Is-side road user ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera."
Ghalhekk il-konvenut huwa resposabbli ghall-incident.

Illi dwar id-danni l-attur esebixxa ittra minghand Laferla Insurance fejn gie ddikjarat li l-karozza kellha pre-accident value ta' Lm400.00c (erba' mitt lira Maltin) u wreck value ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin).

Illi ghalhekk id-danni sofferti mill-attur huma ta' Lm300.00c (tlett mitt lira Maltin) u Lm3.00c (tliett liri Maltin) tal-iskizz.

Ghalhekk, it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident, jillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm303.00c (tlett mija u tlett liri Maltin) u jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur l-ammont ta' Lm303 (tlett mija u tlett liri Maltin). Bl-ispejjez tal-kawza. Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------